MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 675/1997/1

**Carmelo u Mary konjugi Apap**

**vs**

**Carmelo u Doris konjugi Apap u John u Carmen konjugi Bonello u b'digriet tas-7 ta' Lulju 1997 gie kjamat fil-kawza Joseph Zammit u b'verbal tat-13 ta' Jannar 1998 gew kjamati fil-kawza Richard Palmier u Carmen Bugeja u b'digriet tas-27 ta' Marzu,2001, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Carmen Bugeja u Doris Apap wara l-mewt ta' Richard Palmier**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fl-4 ta' April 1997 fejn talbu lil din il-Qorti li l-istess atturi jigu awtorizzati minn dina l-Qorti illi jesegwixxu x-xogholijiet ta' riparazzjoni kollha necessarji fil-gallerija tal-fond 97, Triq Guze Fava, Sliema, li huma jikru minghandhom u dana a spejjez taghhom u taht dawk il-provvedimenti li dina l-istess Qorti

jidhrilha xierqa u opportuni u dana okkorrendo b'opera ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Jannar, 1997 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghal fini tal-kompetenza x-xogholijiet ma jeccedux disa' mitt lira (Lm900).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Carmelo u Doris konjugi Apap fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament il-konvenuti Carmelo Apap u John Bonello ghandom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li huma m'ghandhom l-ebda interess guridiku fil-proprjeta' soggett ta' dawn il-proceduri.

2. Illi preliminarjament ukoll, il-gudizzju mhux integru stante li l-konvenuti Carmen Bonello u Doris Apap mhumiex l-unici proprjetarji tal-fond indikat fl-avviz.

3. Illi l-proceduri tentanti mill-atturi huma nulli stante li ma setghux jitolbu li jigu awtorizzati jaghmlu xogholijiet a spejjez tal-konvenuti minghajr ma jkun hemm xi dikjarazzjoni li l-konvenuti huma b'xi mod responsabbli ghax-xogholijiet reklamati, u f'tali kaz irid li l-ewwel ikollhom l-opportunita' li jaghmlu x-xoghol huma.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu l-eccipjent mhumiex responsabbli ghall-allegati hsarat.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Joseph Zammit fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament, illi t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 16).

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-kjamat fil-kawza

m'huwa bl-ebda mod responsabbli ghad-danni indikati fl-avviz.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa m'ghandu jaghti xejn lill-atturi.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Richard Palmier fejn eccepixxa:

Illi huwa ghandu jigi liberat mid-domandi ghaliex mhux responsabbli ghall-hsara fil-gallerija li nharqet bin-nar li gie mill-fond sottostanti.

Ghalhekk id-domandi tal-atturi ghandhom jigu michudin bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Mejju 1999 fejn innominat lill-Perit Tekniku Rene' Buttigieg sabiex jaghmel deskrizzjoni tal-gallerija meritu ta' din il-kawza u jaghti stima tat-tiswija taghha.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Rene' Buttigieg ipprezentata fis-27 ta' Jannar 2000 u mahlufa fit-28 ta' Marzu, 2001.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti huma proprjetarji tal-fond 97, Triq Guze Fava, Sliema, li huwa mikri lill-attur Carmelo Apap. Fit-12 ta' Dicembru 1994 sar incendju fil-fond ta' tahtu li kien mikri jew gestit mill-kjamat fil-kawza Joseph Zammit. B'konsegwenza ta' dan il-hruq, saru hsarat strutturali fil-fond mikri lill-atturi. Dawn il-hsarat kienu koncentrati fil-

kamra sovrastanti l-hanut fejn allura gew danneggjati s-soqfa u l-gallerija li waqghet bil-gebel b'kollox.

Il-kjamat fil-kawza Joseph Zammit beda jaghmel ix-xoghol ta' riparazzjoni u fil-fatt bajjad u rranga s-saqaf tal-fond mikri lill-attur, izda meta gew ghall-gallerija, qallu biex jaghtih cans, izda ma sar xejn. Ghad illi skond ir-relazzjoni tal-Perit Rene' Buttigieg, inbidlet l-art tal-gallerija, izda l-gallerija proprja baqghet ma gietx riprestinata.

L-attur kellem lill-kjamat fil-kawza Joseph Zammit fejn dan ta' l-ahhar ammetta r-responsabbilta' ta' l-incident u qallu li kien sejjer jirranga. Dana gie konfermat ukoll mill-konvenuta Carmen Bonello fejn a fol 21 tghid testwalment illi Zammit assuma r-responsabbilta' tal-hsarat u kien sejjer isewwi huwa. Il-Perit Rene' Buttigieg wara li ddeskriva l-gallerija u ghamel is-suggerimenti ghat-tiswija taghha, wasal ghal konkluzzjoni illi b'kollox l-ispiza totali kienet ser tlahhaq ghal disa' mija u wiehed u tletin lira u hamsin centezmu (Lm931.50c).

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjonijiet tieghu l-kjamat fil-kawza Joseph Zammit pogga ostakolu ghall-azzjoni attrici fl-isfond ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dana jippreskrivi terminu ta' sentejn ghall-azzjonijiet ta' danni mhux kagjonati mir-reat. L-incendju li sar fil-fond ta' Zammit kien soggett ghall-inkjesta Magisterjali, liema konkluzzjonijiet mhumiex a konoxxenza ta' din il-Qorti, ghalhekk mhuwiex maghruf jekk dan l-incendju kienx wiehed doluz jew inkella kolpuz. Hu xhin hu, l-kjamat fil-kawza Joseph Zammit ammetta r-responsabbilta' tieghu ta' l-incident u fil-fatt beda anke jesegwixxi r-riparazzjonijiet li ma gewx estizi ghall-gallerija, l-ewwel biex Zammit ikollu aktar cans u mbaghad irrifjuta li jkompli dawn ir-riparazzjonijiet peress ili l-ewwel ried jirranga l-hanut tieghu.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi bl-ammissjoni tieghu Joseph Zammit irrinunzja ghal preskrizzjoni u ma jistax issa jinvokaha favur tieghu. Il-fatt illi beda jaghmel it-tiswijiet juri bic-car illi din ir-rinunzja hija wahda effettiva. Fil-

kawza *Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle McChanse* (Vol XXXV pt i pg 101) il-Qorti qalet "ir-rinunzja ghal preskrizzjoni ghandha tigi pruvata b'mod car u konkludenti; u ma tistax tigi ammessa meta hija bbazata fuq atti u fatti li ma humiex univoci u jistghu jaghtu lok ghall-interpretazzjonijiet diversi."

L-istqarrija ta' kjamat fil-kawza Joseph Zammit lill-attur li kien sejjer jassumi r-responsabbilta' tal-hsarat, hija konfortata b'atti cari u konkludenti meta ta bidu ghal din il-promessa billi beda xogholijiet ta' riparazzjoni. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi b'dawn ix-xogholijiet il-kjamat fil-kawza Joseph Zammit irrinunzja ghal preskrizzjoni u ghalhekk il-Qorti ma tarax kif tista tilqa' din l-eccezzjoni kif imqajjma minnu. Ghalhekk il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-kjamat fil-kawza u tghaddi biex tikkonsidra l-meritu.

Ghal dak li jirrigwarda r-responsabbiltajiet tas-sidien versu l-kerrej, il-Qorti ma tarax illi dawn ir-responsabbiltajiet jistghu b'xi mod jincidu f'din il-kawza. L-attur kien fil-pussess tal-fond mikri lilu u ma giex disturbat minn xi agir da parti tal-konvenuti li hallewh fil-godiment tal-fond tieghu minghajr tfixkil ta' xejn. Kien biss il-hruq li gara fil-fond sovrastanti illi ddisturba lill-attur fil-pussess tal-fond tieghu. Mhuwiex maghruf safejn il-kjamat fil-kawza Joseph Zammit kien responsabbli ghal dan il-hruq. Zgur pero', kif gia nghad aktar il-fuq, Zammit assuma r-responsabbilta' ta' dan l-incendju, bit-tiswija parzjali tal-hsarat subiti mill-attur. Ghalhekk jinkombi fuq il-kjamat fil-kawza Joseph Zammit illi jkompli bit-tiswijiet u jsewwi l-gallerija meritu ta' din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tillibera l-konvenuti u l-kjamati fil-kawza Richard Palmier u Carmen Bugeja mill-osservanza tal-gudizzju. Tikkundanna lill-kjamat fil-kawza Joseph Zammit sabiex jesegwixxi x-xogholijiet ta' riparazzjoni kollha necessarji fil-gallerija tal-fond 97, Triq Guze Fava, Sliema, illi huwa mikri lill-atturi. Fin-nuqqas,

liema xogholijiet ghandhom isiru mill-istess atturi a spejjez tal-kjamat fil-kawza Joseph Zammit.

Bl-ispejjez kontra l-kjamat fil-kawza Joseph Zammit.

--------------------------------TMIEM--------------------------------